# IS-SENGħA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 97 ta' l-1925)*

GħAŻLA OĦRA BEJN IL-PROŻA U L-POEŻIJA.

Iżda jekk aħna nħarsu sewwa, naraw illi f'dawn il-mirja ta' proża u ta' poeżija li ġibna, dak li jgħaddi bejniethom hu aktar minn barra inkella minn ġewwa, jiġifieri aktar fil-qoxra jew fil-libsa tagħhom milli fil-qalba, la darba l-ħsieb hu, bħal ma għidna, wieħed fit-tnejn.

Bejn il-proża u l-poeżija hemm għażla oħra u aktar tal-qabda, għaliex tmiss il-qalba, u biex ingħid hekk, ir-ruħ tal-waħda u ta' l-oħra.

Iżda biex jirnixxilna nidħlu fil-qalba tal-proża u fil-qalba tal-poeżija u nifhmu xinhi l-waħda u xinhi l-oħra, jeħtiġilna qabel xejn niflu ftit kif jaħdem il-moħħ, inkella r-ruħ, fil-ġabra u l-ħażna tal-għerf tagħha. Dan aħna nagħmluh b'xi mera biex ma nħabblux ir-rjus bla bżonn.

Nieħdu ajruplan, għaliex naħseb illi sal-lum kull-ħadd ra xi wieħed jittajjar. Id-dehra ta' ajruplan li jagħsfar fuq rasna tħalli f'għajnejna, mita nħarsu lejh, bħala debħa jew stampa tiegħu; din mill-għajnejn tgħaddi fil-moħħ, u fil-moħħ tinħadem u titbiddel fi *xbieha.* Issa s-setgħa tal-moħħ illi taħdem u tbiddel dik *id-debħa* fi *xbieha* tissejjaħ *fantasija.*

Il-moħħ jista' jissokta x-xogħol tiegħu fuq dak l-ajruplan, ixebbhu ma' makni u ħwejjeġ oħra magħmulin biex iġorru nies u tgħabijiet minn naħħa għal oħra, jara f'hiex jaqblu u f'hiex ma jaqblux u hekk

*jagħraf aħjar* dak l-ajruplan, u joħloq *l-idija.* Is-setgħa tal-moħħ li xxebbah ħaġa ma' oħra biex tara xi jgħaddi bejniethom u tagħrafhom fir-rqaqat tagħhom, tissejjaħ *intellett* jew *raġuni.*

It-tifsir *tax-xbihiet*, jew tax-xogħol li jsir fil-*fantasija*, sewwa jekk bil-kitba, sewwa jekk bil-pinzell, bl-iskarpell jew b'għodda oħra, jissejjaħ *sengħa.* It-tifsir ta' l-idijiet jew tax-xogħol tar-*raġuni* jissejjaħ *għerf* jew *xjenza.*

Issa, il-*proża* hi l-*kitba* jew *it-taħdit* fejn taħdem l-iżjed ir-*raġuni* jew l-*intellett*: *poeżija* hi l-*kitba* jew il-*għidud* fejn taħdem l-iżjed il *fantasija.*

Biex niftiehmu sewwa, nerġgħu għal l-ajruplan. Jekk jiena bil-kitba jew bil-għidud inqiegħdlek quddiem għajnejk din il-makna li bħal ajkla ta' kobor u ta' qawwa barranija taf tirkeb is-sħab, tagħleb fil-ħeffa r-riħ, u tilmaħ mill-quċċata tal-għoli tagħha, donnhom maħżużin fuq karta, il-bliet, ir-rħula, il-għoljiet, il-widien, ix-xtut u l-baħar li ma' dwarhom imewweġ bajdani, jew jinfirex ikħal daqs in-nir ; u nġiegħlek tisma' t-twerdin u t-tvenvin tagħha li jimla l-ajru, u taraha inbagħad, minn tikka kif tidher ġos-sħab, tiġġenneb u ddur ħelu ħelu fuq ġwienħajha mifruxa u tinżel bħal seqer, u f'kemm tilħaq tieħu għaxart infies tara l-ajruplan iżiġġ fuq rasek li jġiegħlek tinġabar fik innifsek bid-dehxa, u sa kemm tarġa' tiġi fiha mill-ħasda, tarah raġa tbiegħed u ċkien, jiena nkun qiegħed inħaddem *il-fantasija* u nikteb jew nagħmel *poeżija.* Iżda jekk jiena ngħidlek kemm għadda żmien minn mindu daħal fir-ras tal-bniedem il-ħsieb illi jsib xi għodda li biha jista' jittajjar; kemm suriet u għamliet ta' makni tat-tajr inħadmu waħda wara l-oħra ma' tul mijiet u eluf ta' snin, sa kemm inħadem l-ajruplan ; liema hi l-liġi tan-natura li biha din il-makna—li hi

bosta itqal minn l-ajru—togħla fih u tiġri bla ma tiġġarraf; liema hi l-qawwa li tħaddem l-iskrun, u ħwejjeġ oħra bħal dawn, jiena nkun qiegħed inħaddem *ir-raġuni* jew *l-intellett*, u nkun qiegħed nikteb jew nitħaddet *xjenza* u nagħmel *proża*.

Minn dan li għedna jinżel illi jista' iva jkun hemm *poeżija* minngħajr *proża*, iżda lè ma jista' jkun hemm *proża* li fiha ma tidħolx xi ftit tal-*poeżija*.

**Dun Karm.**